**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/23*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 23 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### 1. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 22. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi

Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti

### 1. Appell fuq Tenders

Mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-laqgħa tal-lum, fuq il-każ ta' appell minn deċiżjoni tal-Kunsill li kien tressaq minn Bugeja Bros, inżammet seduta oħra tal-Bord u li kienet nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010 fis-1.00p.m. Għan-naħa tal-Kunsill kien deher is-Segretarju li kien assistit mill-Avukat tal-Kunsill Dr JeanPaul Grech.

F'din is-seduta l-Avukat tal-Appellant kien staqsa jekk is-Segretarju filwaqt illi kien ivverifika jekk is-Sur Bugeja kellux permess jew, kienx ukoll mexa bl-istess mod rigward il-kuntrattur l-iehor li huwa Godfrey Borg.

Fit-twegiba tieghu s-Segretarju kien qal li ma kellux ghalfejn jistaqsi fuq il-permessi ta' Godfrey Borg peress li dan kien ilu jahdem l-istess kuntratt mal-Kunsill ghal dawn l-ahhar erba' snin u kull meta tul dak il-perjodu l-WasteServ kienu talbu kopja tal-permessi u n-numri tal-vetturi li juza, s-Sur Borg dejjem ippreżenta d-dokumenti mitluba mingħajr dewmien. Fl-istess waqt is-Sur Borg kien ippreżenta kopji tad-dokumenti kollha lill-Kunsill meta nħareġ dan il-kuntratt u hu kien ukoll għamel dikjarazzjoni li jintrabat li juża l-vetturi li kien qed isemmi u li huma koperti bil-permessi kollha meħttieġa.

Kien f'dan il-waqt li l-Avukat tal-Appellant talab li għas-seduta li jmiss jitilgħu jixhdu wkoll is-Sindku u l-Viċi Sindku. Seduta oħra ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 2010.

**2. Kostruzzjoni tal-Bankini**

Ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-banikini ta' Pjazza Salvatur u ta' Triq Dun Karm Caruana għandu jitkompla fil-ġranet li ġejjin. Id-dewmien kien kawżat minħabba problemi li kien ltaqa' magħhom il-kuntrattur waqt ix-xogħol.

**3. Żjara fl-Awstrija**

Għal din iż-żjara f'Ottenschlag fl-Awstrija, diġa saru l-preparamenti meħtieġa biex il-porċess tal-ġemellaġġ jitkompla kif kien inbeda sena ilu fil-lokalita tagħna.

Fil-fatt, dan l-aħħar kienet inżammet laqgħa mas-Sinjura Gudrun Moggach li qed tieħu ħsieb il-preparamenti taż-żjara tagħna u kien diskuss il-programm le se jitħejja għal meta aħna mmorru hemm. Il-programm fid-dettal imbagħad kellha tippreparah hi mbagħad xħin dalwaqt hi tkun f'Ottenschlag. Sadanittant, hi mbagħad għandha terġa tiġi Għawdex u meta tkun hawn tinformana bil-programm kollu.

Fuq suġġeriment tas-Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li lil Mrs Moggach nistednuha takkumpanjana fiż-żjara li se nagħmlu fil-pajjiż tagħha stess.

## IV. Korrispondenza

i. Laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-LES ġiet avżata għal nhar il-Ġimgħa 26 ta' Marzu 2010 fis-1.30p.m. fiċ-Ċentru tal-NGO.

ii. L-Assistant Kummissarju tal-Pulizija bagħat ittra fejn stieden aktar koperazzjoni mal-Kunsilli Lokali ħalli b'hekk tiġi mrażżna aktar il-kriminalita.

iii. L-ispettur tal-Pulizija bagħat javża li kienet se tinżamm laqgħa mal-Kunsilli Lokali nhar il-Ġimgħa 26 ta' Marzu fis-6.00p.m. fil-Victoria Police Station.

iv. Ittra mill-AKL lill-Mepa fejn kienet qed tintalab aktar konsultazzjoni minn naħa ta' din l-awtorita u mhux informazzjoni biss.

v. Applikazzjoni għal permess tal-bini fi Triq it-Tamar u oħra fi Triq il-Knisja.

vi. L-AKL bagħtet tavża li kienet se tinżamm laqgħa għas-Sindki fil-14 u 15 ta' Mejju 2010 fil-Hotel Calypso.

## V. Mozzjonijiet

**1. Ftehim għall-Ġbir ta' Skart Separat**

Riċentement inżammu diversi laqgħat mal-Kunsilli Lokali tal-Għarb u San Lawrenz fejn iltqajna ma' rappreżentanti mill-Kumpanija Green MT u wkoll mill-Green Pak.

Dawn il-kumpaniji joffru servizz ta' ġbir ta' skart separat.

Sadanittant, Dr Samuel Azzopardi, Sindku tar-Rabat u li hu wkoll ir-rappreżentant tal-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex bħala reġjun, kien ħabbar li kienu qed isiru taħdidiet mal-Kumpanija Green MT u kien għalhekk stieden lis-Sindki fejn infurmahom b'dak kollu li kien qed jiġi diskuss.

Hu kien qal li qed isiru taħdidiet ma' din il-kumpanija u li fl-aħjar interess ta' kulħadd hu kien qed jipprova li jakkwista l-aħjar termini biex jitħaddem is-servizz.

Fil-fatt, il-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex qablu li jitkomplew it-taħdidiet ma' l-istess kumpanija.

## VI Materji Ohra

**1. Tiswija ta' Triq Wied il-Għasri**

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill talba biex Triq Wied il-Għasri tingħata t-tiswija meħtieġa. Hu qal li din it-triq tinsab fi stat ħażin ħafna u li issa hu l-waqt li ssir it-tiswija fuqha. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir issa.

**2. Tiswija ta' Triq l-Għasri**
Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fit-triq prinċipali tal-Għasri kienu tfaċċaw numru ta' ħofor wara x-xita li għamlet.
Il-Kunsill qabel li din it-tiswija għandha ssir malajr u jissewwew ukoll xi ħsarat f'xi toroq oħra fl-Għasri.
**3. Fondi mill-Kumitat Konġunt**
Is-Sur David Soler bħala uffiċċjal awtorizżat tal-Kumitat Konġunt għat-tmexxija tal-Gwardjani Lokali f'Għawdex, bagħat ċekk ta' €84,21 bħala kontribuzzjoni dovuta lil dan il-Kunsill Lokali mill-kontravenzjonijiet li ngħataw mill 1 ta' April 2009 sal-31 ta' Jannar 2010.
Maċ-ċekk, intbagħtet lista tal-ħlasijiet li qed jingħataw lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex u li huma membri ta' l-istess Kumitat.
**4. Attivita Notte Gozitana**
Għal din l-attivita li qed tinżamm mill-Ministeru għal Għawdex, il-Kumitat Organiżżattiv bagħat jistieden lill-Kunsilli biex jipparteċipaw permeżż ta' stand individwali. L-attivita se tinżamm bejn il-Ġimgħa 14 u l-Ħadd 16 ta' Mejju 2010.
**5. Ringrazzjamenti mis-Sur Toni Calleja**
Is-Sur Toni Calleja, bħala awtur u publikatur tal-ktieb "L-Għasri ta' Żmieni", permezz ta' ittra, bagħat jirringrazzja lill-Kunsill Lokali ta' l-għajnuna finanzjarja li ngħatat biex ikun stampat l-imsemmi ktieb.
**6. "*WiFi Access Point*"**
Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said filwaqt li ħabbar li kien se jintroduċi WiFi Access Point f'kull lokalita, talab fejn il-Kunsill jixtieq li din tkun stallata.
Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jkun stallat fiċ-Ċentru Parrokkjali biex b'hekk kull min ikun irid jidħol fl-internet mill-pjazza, jkun jista jagħmel hekk faċilment mingħajr l-ebda ħlas.
**7. Preżentazzjoni ta' Kotba lill-Librerija**
Id-Dipartiment għal-Gvern Lokali ħabbar li għat-tieni sena konsekuttiva ser tingħata għajnuna lil dawk il-Kunsilli li lilhom ġiet devoluta librerija lokali. Il-Kunsill għalhekk kien mistieden jattendi għal din l-għotja ta' kotba fil-Librerija tan-Nadur nhar il-Ħamis 8 ta' April 2010.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill.
L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 29 ta' April 2010 fis-8.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Andrew Vella — Joe Camilleri
Sindku — Segretarju Ezekuttiv